MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 1116/2010

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 682/2010 GC fl-ismijiet:**

**Intersea Shipping Agency Limited**

**vs**

**Sinergie Marine S.r.l., socjeta’ Taljana gia maghrufa bhala Sinergie s.r.l.**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta` intimata Sinergie Marine S.r.l. ai termini tal-Artiklu 836 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn gie premess:-

Illi permezz ta' rikors tas-17 ta' Gunju 2010, l-imsemmija socjeta` kummercjali Intersea Shipping Agency Limited talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 1010/10 fil-konfront tas-socjeta` esponenti.

Illi s-socjeta` esponenti qeghda, ghar-ragunijiet li ser jigu hawnekk elenkati, tissottometti illi l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju msemmi ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Mandat mahluf u ppresentat minn persuna mhux debitament rappresentanti tal-kumpannija rikorrenti

Kif jirrizulta mill-att iniffsu, l-att gie ppresentat u mahluf minn certu BORG ELTON (Elton Paul) li ghandu in-numru tal-karta ta' l-identita` 119377(M).

Kif jirrizulta mill-anness DOK A – Memorandum & Articles of Association tal-kumpannija rikorrenti Intersea Shipping Agency Limited – l-imsemmi Elton Borg ma jokkupa ebda kariga fi hdan il-kumpannija, la jiddetjeni ismha, la huwa direttur u lanqas ma huwa segretarju tal-kumpannija jew ghandu rappresentanza giuridika tal-istess socjeta` kummercjali.

Illi ma jirrizultax lanqas illi hemm jew saret rizoluzzjoni li tawtorizza lill-istess Elton Borg jew li kien hemm xi approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi illi tawtorizza illi Elton Borg ghan-nom tas-socjeta` Intersea Shipping Agency Limited jintavola l-Mandat ta' Sekwestru hawnekk riferit.

Illi dan kollu qed jinghad fil-kuntest u fid-dawl tal-klawsola fl-istatut Dok A anness li tistipula s-segwenti:

The company shall be represented in judicial proceedings by any two directors – appointed by any class or shareholders, or without prejudice to the power of any director at all times to represent the Company as aforesaid, by any other person authorized by the Board for such purpose. Provided that no proceedings may be instituted by the Company without the Board's approval.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta ben car lil din l-Onorabbli Qorti illi l-imsemmi Elton Borg ma seta` qatt jinizjala jew jipprezenta ruhu sabiex jintavola proceduri legali ghan-nom tas-socjeta` Intersea Shipping Agency Limited inkluz l-odjern mandat ta' sekwestru hawnekk riferit – u konsegwentament din l-Onorabbli Qorti ghanda tirrevoka l-att kawtelatorju konsistenti fil-Mandat ta' Sekwestru numru 1010/10.

2. L-ammont mitlub mhux prima facie giustifikat u eccessiv

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in linea sussidjarja jinghad ukoll illi kif jirrizulta minn DOK A annessa man-nota tas-socjeta` esponenti tat-13 ta' Ottubru 2010 in atti, (hawnekk riprodotta for ease of reference) – is-socjeta` mittenti kienet hallset lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €50,617 ghas-saldu. Is-socjeta` rikorrenti, unilateralment u minghajr ebda kunsens jew ftehim dehrilha illi s-somma ta' €31,852 ghandhom jigu kkreditati a favur bilanc li s-socjeta` rikorrenti kellha tigbor minn gahnd socjeta` terza, ossia Medsea Liner. Dan huwa rikonoxxut mill-istess Elton Borg via e-mail tieghu stess tal-5 ta' Mejju 2010.

Illi in kwantu hawnekk din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex taghmel l-ezami li jrid isir appunti fil-kawza per se, imma ghandha biss tara jekk fuq livell prima facie jistghax jirrizulta illi l-ammont pretiz fil-mandat mhux giustifikat jew huwa eccessiv, is-socjeta` mittenti mhux ser tidhol fl-aspetti l-ohra tas-somma kif kkontestat fl-atti tal-kawza.

Is-socjeta` mittenti pero` tistrieh biss fuq l-istess DOK A annessa man-nota tas-socjeta` esponenti tat-13 ta' Ottubru 2010 in atti, (hawnekk riprodotta for ease of reference) – li hija konferma mill-istess Elton Borg, allura l-persuna illi addirittura halef u ppresenta il-mandat ta' Sekwestru – li huwa rcieva l-flus imma illi minn jeddu u b'mod unilaterali kkredita kont ta' kumpannija terza, u titlob bir-rispett, illi al piu` fic-cirkostanzi u in linea sussidjarja ghall-ewwel bazi ghar-revoka tal-Mandat, il-Mandat ta' Sekwestru 1010/10 ghandu jigi revokat in parte

kif titlob u tittollera il-ligi, sabiex is-somma sekwestrati tkun f'dawn ic-cirkostanzi ridotta b'€31,825.65, ghas-somma ta' €44,466.64, li in ogni caso qed jigi kkontestati fil-kawza per se.

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi tal-Artiklu 836(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia illi l-mandat mhux prima facie giustikat  ghax l-ammont huwa eccessiv u in ogni caso mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju u mhux giustifikabbli in kwantu mhux intavolat skond il-ligi u skond kif dovut.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' Siergie Marine S.r.l. qed titlob li tigi ordnata r-revoka tal-imsemmi mandat ta' sekwestru numru 1010/10 u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap 12 hawn fuq citati, in toto jew in parte a bazi ta' dak hawn fuq dikjarat u sollevat, u li s-socjeta' Intersea Shipping Agency Limited u/jew li Elton (Elton Paul) Borg jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` esponenti, in linea ta' penali, dik is-somma li tigi ffissata minn din il-Qorti pero' fl-ammont ta' mhux anqas minn elf mija u erba` u sittin euro u disa` u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disa`mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (€6988.12), u dan ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` Intersea Shipping Agency Limited.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Intersea Shipping Agency Limited fejn gie sottomess:-

Din hi r-risposta taghha (minn issa, 'Intersea') għar-rikors tas-socjeta' Sinergie (minn issa indikata bhala 'Sinergie'). Bl-imsemmi rikors qed tintalab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1010/10 jew it-tnaqqis tal-ammont kawtelat bl-istess mandat, u il-kundanna ghall-hlas ta' penali.

Il-pretensjonijiet u il-konsegwenti talbiet ta' Sinergie huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jinċaħdu bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija, fl-intier tagħhom.

Jibda biex jingħad illi it-talba (b) fir-rikors ta’ Sinergie mhijiex legalment proponibbli f’dak li għandu x’jaqsam ma’ Elton Borg personalment, għaliex is-subartikolu 836(8) jipprovdi għal kundanna, se mai, tar-rikorrenti (u allura il-kumpannija Intersea), u mhux ta’ min ħalef jew ippreżenta dokumenti għan-nom tagħha.

Għalhekk Elton Borg personalment ċertament mhuwiex leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Inoltre Sinergie titlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru ai termini tal-imsemmijin subartikoli (d) u (f) tal-Kap XII, u ċioè b’referenza għal jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv u jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Intersea tkompli tissottometti li dawn il-proċeduri m’għandhomx jintużaw sabiex il-Qorti tintalab tinvestiga l-mertu tal-kawża stess. Dana kif ribadit regolarment fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati, fosthom id-dikriet ta’ dina l-Qorti tas-26 ta’ April, 2002, fl-ismijiet “Avukat Carmelo Castelli nomine vs Focal Maritime Services Limited et” fejn intqal li “f’dawn il-proceduri ghandu jigi deciz jekk huwiex il-kaz li l-mandat kawtelatorju in kwestjoni ghandux jigi revokat jew in toto jew in parte f'kaz li jirrizultaw l-estremi li huma indikati fil-ligi b'mod partikolari fl-artikolu 836 tal-Kapitolu 12. Difatti s-socjeta rikorrenti specifikat li, in parti, din l-azzjoni taghha hi bbazata fuq dak li hemm provdut fl-artikolu 836(1)(d) u (f). Skond l-imsemmija provedimenti att kawtelatorju jista jigi rekovat, anke in parti, jekk jintwera li l-ammont mitlub mhux "prima facie" gustifikat jew hu eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi mhux ragjonevoli li l-att kawtelatorju jinzamm

fis-sehh jew jekk jintwera li l-istess att kawtelatorju mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli.”

“F'dawn il-proceduri zgur li m'ghandhomx jigu decizi kwestjonijiet li jappartjenu ghal meritu tal-kwestjoni li tesisti bejn il-partijiet.”

Sinergie qeghda tallega illi il-mandat kien maħluf u ppresentat minn persuna mhux debitament rappreżentanti tal-kumpannija rikorrenti. Dana mhux minnu. Elton Borg ġie maħtur speċifikatament għal tali għan permezz ta’ mandat datat il-15 ta’ Ġunju, 2010. Kopja ta’ dan id-dokument hija annnessa bħala dokument ‘IA’. Ma hemmx għalfejn li min jahlef il-mandat jkollu kariga fil-kumpannija Il-mandat huwa iffirmat minn Anthony u George Vassallo, żewġ diretturi tal-kumpannija Intersea, u ma teżisti ebda obbligazzjoni fil-liġi illi tgħid illi l-awtorità skritta lill-persuna li ser tippreżenta atti għan-nom ta’ kumpannija, trid tiġi ippreżentata immedjatament u kontemporaneament mal-preżentata tal-att tal-kumpannija stess. Għalhekk Skond Intersea l-ewwel raġuni miġjuba minn Sinergie ma għandha ebda bażi u għandha tiġi miċħuda.

Dwar is-subartikolu 836(1)(d), Intersea taghmel referenza ghad-dikriet fl-ismijiet “Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd” mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta’ Frar, 2001, fejn gie ritenut “Illi il-bazi ghaliex sar dan ir-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 3927, hija dik elenkata mill-istess rikorrenti taht l-artikolu 836 (1) (d) u cioe`:- Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.” Illi mela allura l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja.” Din is-sentenza tkompli, relevantement għall-vertenza odjerna, hekk: “Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta’ rikorrenti li ghandha thallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskrizzjoni, u jekk tali materjal u/jew xoghol humiex tal-kwalita’ pattwita jew sarux skond l-arti u s-

sengha, jolqtu il-mertu tad-difiza tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza propja, u ghalhekk ghandhom jigu trattati u deciza propju fil-kawza nnifisha, u mhux f'dan l-istadju tal-proceduri, ghaliex altrimenti wiehed necessarjament ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li din il-Qorti, f'dan l-istadju hija tenuta li taddotta skond l-istess citat artikolu li a bazi tieghu s-socjeta' rikorrenti ppresentat ir-rikors odjern. Illi fil-fatt dawn ir-ragunijiet kollha imsemmija mill-istess socjeta' rikorrenti, jifformaw l-eccezzjonijiet taghha fil-kawza propja ghall-kontro-talba tas-socjeta' intimta, b'dan li anke jekk fl-istess kawza tali eccezzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti jigu milqugha kollha jew in parte, xorta ma jwaslux ghall-konkluzjoni li l-pretensjoni tas-socjeta' intimata vantata minnhom fil-mandat premess ma tezistix 'prima facie' f'dan l-istadju. Kieku kien mod iehor qatt ma jista' jinhareg mandat kawtelatorju, ghaliex l-ezistenza jew il-konsistenza ta' kull pretensjoni tigi biss finalment determinata bis-sentenza li tghaddi in gudikat, u certament li dan immur kontra r-raison d'etre tal-Mandat Kawtelatorju, bbazata fuq il-principju tal-ezistenza prima facie ta' dritt li ghandu jigi kawtelat."

Ma hemmx dubbju li fil-każ tal-mandat odjern, il-Qorti qieset, kif dejjem tagħmel, il-mandat b'ċirkospezzjoni u attenzjoni kbira. Sinergie però, la, effettivament ma għandhiex bażi biex tattakka l-mandat tassew ai termini tal-artikolu 836, qegħda tipprova tassoġġetta l-mandat ta' sekwestru għall-eċċezzjonijiet illi ġabet fir-risposta għar-rikors ġuramentat. Dawn il-proċeduri però ma humiex lok għal tali sottomissjonijiet. Jekk il-Qorti tibqa' soddisfatta illi Intersea għandha jedd prima facie x'tikkawtela, allura l-mandat ma għandux jiġi skalfit bl-ebda mod.

Intersea tkompli billi taghmel referenza ghad-dikriet fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 899/09 JZM fl-ismijiet: "Jimmy Vella Limited (C12556) vs Net Shop Limited et" tal-19 ta' Ottubru, 2009 fejn jingħad hekk dwar is-subartikolu in kwistjoni: "Din il-Qorti tghid li hija trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mxejjen b'leggerezza, kif ukoll li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd

sostantiv jigi definit minn Qorti ("Mercieca vs Galea" – PA/RCP – 29 ta' Novembru 2001 ; "Dingli et vs Sant et" – PA/JRM – 27 ta' Awissu 2008). L-argument tar-rikorrenti huwa li l-mandat ma messu qatt inhareg. Ir-raguni pero' tolqot fil-qalba l-kwistjoni fil-mertu li allura trid titqies biss waqt is-smigh tal-kawza. Jekk 'il quddiem, fid-decizjoni dwar il-mertu, se jinghad li s-socjeta' intimata ezekutanti m'ghandhiex jedd tesigi ebda hlas minghand r-rikorrenti ……. xorta wahda ma jistax jinghad ex post facto li l-mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telf ta' l-kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li l-mandat kawtelatorju nhareg necessarjament b'mod fieragh jew vessatorju ("Spiteri vs Camilleri" – PA/JSP – 10 ta' Jannar 1992). Skond is-socjeta' rispondenti Sinergie tallega illi l-ammont mitlub mhuwiex prima facie ġustifikat u eċċessiv. Tenut kont taċ-ċitazzjonijiet fuq riportati u oħrajn pertinenti u applikabbli, għandu jirriżulta ċar illi hija assolutament ma għandhix raġun, lanqas dwar dan.

F'dan ir-rigward, Intersea tissottometti li mhuwiex minnu illi Sinergie ħallset is-somma ta' EUR50,617 għas-saldu. Sinergie qegħda tgħid hekk issa għaliex hekk jaqbillha tgħid, iżda Intersea qatt ma qablet illi dik is-somma biss kienet dovuta għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-kumpannija. Fil-fatt, ma ġie eżibit ebda dokument li jikkorrobora l-allegazzjoni ta' Sinergie illi kien hemm qbil li il-ħlas ta' EUR50,617 kellu jkun għas-saldu tal-pretensjonijiet ta' Intersea fil-konfront ta' Sinergie. Rinunzja, kompromess jew transazzjoni f'każ hekk għandhom jirriżultaw bil-miktub, u dana ċertament li mhuwiex il-każ. Ġie biss eżibit l-email ta' Elton Borg illi jispjega eżatt kif kien intuża il-pagament mibgħut bi SWIFT minn Sinergie. Ma kienux saru istruzzjonijiet speċifiċi minn Sinergie illi l-ammont li ħallset kellu jintuża sabiex jinqatgħu somom dovuti lill-Intersea biss.

Dana naturalment, huwa diskors li ma għandux isir fl-atti ta' rikors għar-revoka imma fil-kawża, għaliex, kif intqal aktar 'il fuq, dina l-Qorti għandha biss, f'dan l-istadju tara jekk it-talba ta' Intersea hijiex prima facie ġustifikata, waqt illi l-evalwazzjoni tal-provi għandha issir waqt is-smigħ tal-kawża stess u mhux fl-atti tar-rikors għar-revoka. Bla

preġudizzju għas-sottomissjoni fuq magħmula, la Sinergie, fir-rikors tagħha, qegħda tidħol fil-mertu proprju, Intersea, biex twieġeb, qed ikollha tidħol ftit fil-mertu hija wkoll.

L-arranġament bejn Medsea u Sinergie (u iktar tard, bejn Intersa u Sinergie) kien illi Sinergie klijenti, jinghata is-servizz minn Medsea jew Intersea kif mitlub minn Sinergie, imbaghad, il-klijenti jhalllsu lil Sinergie illi izzomm ammont ghaliha bhala commission waqt illi suppost kellha tavvanza il-bqija lil Medsea jew Intersea. L-arranġament jidher fid-dokument anness bħala dokument ’IB’. Hemmhekk, taħt il-kolonna ‘SHIPPER’ hemm l-ismijiet tal-klijenti finali, taħt ‘TOTAL INVOICED’ hemm l-ammonti illi Sinergie tkun ġabret mingħand il-klijent, taħt ‘SYNERGIE COMM’ hemm l-ammonti li Sinergie kellha iżżomm għaliha, u taħt ‘DUE TO MEDSEA’ l-ammont illi Sinergie kellha tħallas hija. L-aħħar bilanċ li kien dovut minn Sinergie lil Medsea (separatament mill-ammont dovut lil Intersea) kien dak ta’ euro 31,825.65.

Kif ingħad, Sinergie għamlet pagament fl-ammont ta’ euro 50,617 permezz ta’ SWIFT transfer. Dana wara li kellha bilanċ mal-Medsea li kien ilu dovut minn Frar tal-2009. Sadattant kienet diġà bdiet topera il-kumpannija Intersea u allura l-ammont imħallas (li kien intbagħat minn Sinergie bla ebda preavviż) intuża parti minnu għall-bilanċ dovut lill-Medsea u parti oħra akkont tal-bilanċ dovut lil Intersea.

Intersea tkompli tissottometti li drabi oħra kien Sinergie li jaqbad u jħallas kontijiet dovuti mill-Medsea lil terzi, umbagħad l-ammont imħallas jitnaqqas mill-kont ta’ Medsea. Kien hemm qbil bejn il-partijiet illi għall-pratiċità, kien tajjeb illi jimxu hekk. Kif ingħad, ukoll, l-allegazzjoni illi l-ammont ta’ EUR50,617 li kien ħallas Sinergie kien tħallas għas-saldu, mhijiex minnha. Din hija invenzjoni ta’ Sinergie. Elton Borg għan-nom ta’ Intersea kien talab lil Umberto Lazzaretti fl-email tal-5 ta’ Mejju, 2010 (eżibita minn Sinergie) sabiex Sinergie tħallas il-bilanċ dovut ta’ EUR 76,292.29. Għal kull bwon fini, qiegħed ukoll jerġa’ jiġi anness l-istatement ippreżentat li Intersea ippreżentat mar-rikors ġuramentat bħala dokument A (għal skop ta’

informazzjoni), liema statement juri eżatt x'inhuwa l-bilanċ dovut. Sinergie qalet li ma kellha tagħti xejn. Imma qabel ma inħareġ is-sekwestru u saret il-kawża kontriha, ma kienet ġabet ebda attentat ta' prova għalfejn xejn ma kien dovut minnha. Eventwalment, imbagħad, Umberto Lazzaretti għal Sinergie permezz ta' email datata 23 ta' Settembru, 2010, finalment jippreżenta lista tar-raġunijiet għaliex, skondih, xejn ma kien dovut minn Sinergie lil Intersea. Kopja ta' din l-email hija annessa bħala dokument 'IC'. Hemmhekk Sinergie telenka numru ta' elementi illi iddeċieda arbitrarjament illi ipacihom ma' dak dovut mill-kumpannija tiegħu lil Intersea. Huwa jgħid illi kollox kien diġà intbagħat f'emails passati lil Intersea, imma dana assolutament mhuwiex veru. Dawn it-tpaċijiet li qiegħed jallega huwa f'tali email mhumiex tpaċijiet awtorizzati minn Intersea, tant li il-maġġoranza taghhom lanqas biss ma kienu kwistjonijiet noti lill-attriċi jew li qatt dwarhom ġiet miġbuda l-attenzjoni tar-rappreżentanti tagħha, u ċertament mhumiex approvati jew approvabbli. Dana ser jiġi spjegat f'aktar dettall fil-kawża, fejn huwa loku li tali sottomissjonijiet isiru.

Skond Tntersea jeżisti ammont wieħed illi tabilħaqq hemm qbil dwaru, u huwa dak fl-ammont ta' EUR4,292.00. Intersea, għalkemm informata daqshekk tard dwar dan l-ammont, hija lesta illi tippreżenta nota ta' riduzzjoni ħalli is-somma mitluba taqra 72,000.29 (imnaqqsa b'EUR4,292) flok EUR76,292.29. Mill-bqija, ċertament lanqas ma hija aċċettabbli li dina l-Onorabbli Qorti tirriduċi l-mandat għas-somma ta' EUR31,825.65. L-ammont mitlub għadu dovut fl-intier tiegħu, u għalhekk id-dritt prima facie ta' Intersea għandu jibqa' kawtelat sakemm tinstema' l-kawża.

Intersea, dwar it-talba għal imposizzjoni ta' penali ai termini tas-subartikolu 836(8) tal-Kap XII, tissottometti li dina wkoll hija infondata. Il-prinċipji ta' tali disposizzjoni huma kjarament eluċidati fid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Frar, 2002, fl-ismijiet Visual and Sound Communications Limited vs Mario Camilleri et fejn il-Qorti spjegat kif isegwi:

"Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenuti ta' rikors ghall-hrug ta' Mandati Kawtelatorji gie trattat fil-kawza fl-ismijiet "Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri" (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew riaffermati s-segwenti principji:- (a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "Qui suo iure utitur non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel. (b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat. (c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom. (d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpusa ("Agius vs Dott. Carbone nomine" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite". ("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405). (e) Illi dan l-ahhar principju huwa ibbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:- "Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse

decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi: "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario….." (Baudry - Lanactinerie. - Trattato Pratico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560).

Ukoll l-istess sentenza tkompli:- "Illi minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbiliet il-gurisprudenza konstanti fuq citata, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap 16, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess artikolu 836(9). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bi-l-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel, in materia ta' possibilita` ta' azzjoni danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess artikolu 836, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi."

Similment, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju, 2004, Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd:- "Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun

responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha. Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias. Din il-pozizzjoni tidher li kienet abbraccjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawza “Spiteri vs Camilleri.” Hawnhekk l-istess Qorti tirreferi għas-sentenza fuq ċitata.

Intersea tkompli tissottometti li biss biss, it-talba ta' Sinergie in rigward tal-artikolu 836(8) għandha tiġi skartata għal kollox għaliex ir-rikors tagħha ma jispeċifikax liema subartikolu hija qegħda tibbaża it-talba tagħha fuqu, allura Intersea lanqas biss ma taf fuq liema mis-subartikoli qegħda issir din l-akkuża. F'kull każ però, ma inġabet prova ta' ebda danni subiti minn Sinergie, u f'kull każ ukoll, jekk dina batiet danni, dana ġara esklużivament tort tagħha u mhux minħabba negliġenza jew leġġerezza ta' Intersea jew tar-rappreżentanti tagħha.

Intersea għamlet biss dak li kull kreditur għandu dritt jagħmel, jiġifieri jikkawtela bil-għan tal-metodi li tipprovdi il-liġi, l-ammont lilha dovut u mhux imħallas u ghalhekk l-istess Intersea tikkonkludi li ma hija responsabbli għall-ebda mis-sitwazzjonijiet kontemplati fis-subartikoli tal-artikolu 836(8), u Sinergie ma ġabet ebda prova dwar danni allegati. Kwindi t-talbiet kollha tal-kumpannija Sinergie għandhom jinċaħdu bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija.

Ikkonsidrat

Id-dokument 1A (fol.25) hu kopja ta' riżoluzzjoni ffirmata minn zewg diretturi tas-socjeta' Intersea cioe' George u

Anthony Vassallo. Din ir-risoluzzjoni hi datata 15 ta’ Ġunju 2010 u biha Elton Borg ġie nominat biex jirrappresenta lill-istess socjeta’ Intersea Shipping Agency Ltd fi proċeduri ġudizzjarji kontra Synergie Marine SRL. Kwindi, Sinergie ma għandhiex raġun titlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru għaliex il-mandat kien maħluf u ppreżentat minn persuna mhux rappreżentanti tal-kumpanija Intersea. Konsegwentement it-talba għar-revoka ta’ Mandat ta’ Sekwestru fuq din ir-raġuni jisthoqqilha li tiġi miċħuda.

Issir referenza għall-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li fuqu hija bbażata t-talba kif kontenuta fir-rikors odjern. Dawn l-artikoli u sub-artikoli jistupulaw testwalment “Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista’ jagħmel rikors lill-Qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista’ jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f’parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.”

Fi proceduri simili għall-presenti u kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza “Camilleri vs Gove` et” tal-10 ta’ Mejju, 2001, intqal “li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.” Hekk ukoll il-Prim’Awla fit-3 ta' Jannar, 2012 f’ Francis Cassar vs Joseph Zammit intqal li ‘qabel xejn jigi rilevat li l-indagini tal-Qorti fil-proceduri dwar mandat kawtelatorju ghandu jkun biss wiehed prima facie jekk min hareg il-mandat kellux

pretensjoni ghal istess indipendentement jekk hijiex fondata jew le tali pretensjoni peress li tali pretensjoni trid tigi ezaminata fid-dettall fil-mertu fil-proceduri opportuni.'

Ghalhekk jinkombi fuq din il-Qorti li tezamina jekk l-att attakkat huwiex għall-ammont li huwa 'prima facie' gustifikat jew eccessiv biex jikkawtela d-drittijiet tas-socjeta' Intersea fil-konfront tas-socjeta' Sinergie jew jekk l-att kawtolatorju in kwestjoni huwiex raġonevoli. Is-soċjetà Intersea kienet topera servizzi ta' ġarr bil-baħar ta' merkanzija minn port għall-ieħor. Minn naħa tagħha, is-soċjetà Sinergie kienet issib il-klijenti għas-soċjetà Intersea u kienet tibbukkja l-ġarr tal-merkanzija (cargo) fuq il-vapuri ta' Intersea. Sinergie kienet imbagħad tinforma lil Intersea liema kumpaniji ġarrew il-merkanzija u Intersea kienet tkun tista' toħroġ l-fatturi lill-klijenti. Il-klijent kienu jħallsu lil Synergie, li kienet iżomm il-commission tagħha, u imbagħad din kienet tgħaddi l-bqija tal-flus lil Intersea.

Is-soċjetà Intersea ottjeniet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' Synergie għaliex f'kawża oħra, u ċioe fir-rikors guramentat numru 682/10 tallega li Synergie ma għadditilhiex il-pagamenti kollha dovuti lilha. Da parti tagħha, is-soċjetà Synergie tgħid illi dan kien dovut għall-fatt illi kien hemm xi klienti li ma kienux ħallsuha, għaliex kienu qegħdin jallegaw żbalji fl-ammonti fil-fatturi maħruġin minn Intersea. Kif gia ntqal mhux il-każ illi f'proceduri bħal presenti l-Qorti tidħol fil-mertu tal-pretensjonijiet ta' Intersea u tal-argumenti ta' Synergie illi l-fatturi li kienet toħroġ Intersea kienu żbaljati fir-rigward bhal daqs u piż. Jiġi biss osservat illi għab-bażi prima facie, mix-xhieda prodotti u mill-fatturi esebiti f'rikors numru 682/2010, jidher li Intersea għandha prima facie dritt kontra Synergie u illi dan hu biżejjed biex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru in kawtela tad-drittijiet tagħha.

Kwindi il-ħruġ tal-imsemmi mandat huwa prima facie ġġustifikat. Lanqas ma rnexxielha tipprova s-soċjetà Sinergie illi mhux raġonevoli li jibqa' fis-seħħ il-mandat kif jitlob l-Artikolu 836(1)(f).

Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-ammont kienx wiehed eċċessiv, jingħad illi mill-ammont ta' Eur76,292.29 li allegatament huwa l-bilanċ dovut minn Synergie lil Intersea għandu jitnaqqas l-ammont ta' Eur 4,292 u dan skond in-nota ta' riduzzjoni tal-kumpannija Intersea (fol.107 tal-proċess rikors numru 682/10 liema kawza giet trattata flimkien tal-presenti rikors. Ghalhekk jista jinghad li ma jirriżultax "prima facie" illi l-bilanċ u ċioe l-ammont ta' Eur 76,249.37 huwa wieħed eċċessiv.

Is-soċjetà Sinergie tgħid ukoll illi hija ħallset lill-Intersea is-somma ta' Ewro 50, 617, skond hi għas-saldu (skond ir-rikors promotur), u tgħid li Intersea unilateralment ikkreditat Ewro 31,852 a favur Medsea Liner. Jibda sabiex jingħad illi s-soċjetà Sinergie ma ressqet ebda dokument illi juri illi l-imsemmi ammont tħallas għas-saldu. In oltre jiġi osservat ukoll illi in vista tan-natura tal-kawża odjerna, mhux il-kompitu ta' din il-Qorti, f'dan l-istadju li tittratta u tiddeciedi jekk il-verżjoni tas-soċjetà Intersea (u ċioe illi kien hemm qbil anke minn Sinergie illi dan il-pagamenti ta' Ewro 50,617 kellu jintuża sabiex jitħallsu il-kredituri ta' Medsea) jew jekk il-verżjoni tas-soċjetà Sinergie (u ċioe illi l-pagament ta' Euro 50,617 kellu jintuża sabiex jinqata' l-bilanċ ma' Intersea) hija l-aktar verosimili. Għaldaqstant ma għandu jingħad xejn aktar dwar din il-kwestjoni.

Kwindi l-Qorti ma thossx li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwestjoni ma ghandux jibqa' fis-sehh. Dan bl-ebda mod ma jfisser illi Intersea għandha xi drittijier dwar il-meertu tal-kwestjoni esistenti bejn l-istess Intersea u Synergie. Dak kollu li ntqal iktar il-fuq b'ebda mod ma ghandu jigi interpretat in realazzjoni tal-mertu tal-kontestazzjoni li hemm bejn iz-zewg partijiet.

Lanqas ma huma applikabbli d-disposti dwar penali, skond l-artikolu 836(8)(b) li jipprovdi li l-penali tkun dovuta "jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att

kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed."

In vista ta dak kollu li gie premess it-talbiet ta' Synergie m'ghandhomx jigu akkolti..

Ghal dawn nil-motivi kollha tichad it-talbiet tas-socjeta Synergie kif kontenuti fir-rikors promotur.

L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta' Synergie.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------